



Brussell, is-7 ta' Lulju 2020
REV2 – tissostitwixxi l-avviż
(REV1) datat id-19 ta' Diċembru
2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUGĠ TAR-RENJU UNIT U L-ISKEMA TAL-UE GĦAN-NEGOZJAR TA' EMISSJONIJIET (EU ETS)

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Ħrugġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim jgħid li relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁴ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħrugġ (il-Parti B hawn taħt) [kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).]

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħrugġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-ħrugġ").

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-ħrugġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rrakkomandati dan li ġej:

Operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji li jinsabu fir-Renju Unit u operaturi ta' inġenji tal-ajru fejn ir-Renju Unit huwa l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għandhom

- jiżguraw li jirċievu kwalunkwe kwota allokata mingħajr ħlas mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni;
- jiżguraw li r-rapporti annwali tagħhom dwar l-emissjonijiet jiġu vverifikati minn verifikaturi stabbiliti fl-UE u akkreditati mill-korp nazzjonali ta' akkreditament ta' Stat Membru tal-UE;
- jekk jixtiequ jkomplu jżommu l-kwoti tal-emissjonijiet wara t-30 ta' April 2021, jiżguraw li jinfetaħ kont ta' negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni amministrat minn Stat Membru tal-UE u jċaqilqu l-assi tagħhom għal dan il-kont.

Barra minn hekk, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li għalihom ir-Renju Unit huwa l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għandhom

- jiżguraw li l-emissjonijiet li jseħħu wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni minn titjriet li jtilqu mill-UE għar-Renju Unit jew li jaslu fl-UE mir-Renju Unit jiġu esklużi mir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet tagħhom;
- jieħdu nota tal-Istat Membru ta' amministrazzjoni ġdid tagħhom indikat fl-aħħar lista ta' attribuzzjoni tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru ppubblikata mill-Kummissjoni, jekk l-Istat Membru ta' amministrazzjoni tagħhom huwa attwalment ir-Renju Unit.

Detenturi ta' kontijiet kummerċjali jew ta' kontijiet ta' depożitu ta' persuna fir-Reġistru tal-Unjoni għandhom jiżguraw il-ftuħ ta' kont amministrat minn Stat Membru tal-UE u jċaqilqu l-assi tagħhom għal dan il-kont, jekk ikunu jridu jkomplu jżommu l-kwoti tal-emissjonijiet wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Ditti tal-investment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw l-istabbiliment fl-UE jekk jixtiequ jkomplu jipparteċipaw fl-irkanti ta' kwoti li jsiru fl-UE.

Detenturi ta' kontijiet fir-reġistru ta' Kjoto tar-Renju Unit għandhom jiżguraw li jċaqilqu assi għal kontijiet f'reġistri oħra ta' Kjoto.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- aspetti relatati mas-swieq finanzjarji u s-sorveljanza tas-suq;
- aspetti oħra relatati mal-avjazzjoni, inkluż l-aċċess għas-suq, is-sikurezza tal-ajru, is-sigurtà tal-avjazzjoni, eċċ.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE li jirregolaw l-EU ETS, u b'mod partikolari d-Direttiva 2003/87/KE⁶, mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-ISKEMA GĦAN-NEGOZJAR TA' EMISSJONIJET

Id-Direttiva 2003/87/KE tapplika għal emissjonijiet minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tagħha u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II tagħha (cf. l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/87/KE). L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tinkludi ċerti attivitajiet imwettqa f'installazzjonijiet stazzjonarji kif ukoll l-avjazzjoni.

1.1. Installazzjonijiet stazzjonarji

Skont id-Direttiva 2003/87/KE, l-EU ETS tkopri l-emissjonijiet mill-installazzjonijiet stazzjonarji kollha fi Stat Membru tal-UE li jwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u jemettu gassijiet serra elenkati fl-Anness II.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji fir-Renju Unit ma jibqgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet.

1.2. Avjazzjoni

Filwaqt li d-Direttiva 2003/87/KE tapplika b'mod ġenerali għat-"t-titjiriet kollha li jaslu jew li jtilqu minn ajrudrom li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat" (l-Artikolu 3a u l-Anness I, punt 6), tipprevedi wkoll deroga fir-rigward ta' "titjiriet minn u lejn l-ajrudromi li jinsabu f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE" (l-Artikolu 28a). Din id-deroga tapplika għal titjiriet lejn u minn pajjiżi li magħhom ma ntlaħaqx ftehim ta' rabta.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, fin-nuqqas ta' ftehim ta' rabta li jintlaħaq, id-deroga mid-Direttiva 2003/87/KE tapplika għal titjiriet mir-Renju Unit lejn l-UE u *viçi versa*.

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_m

⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

⁷ Rigward l-applikabbiltà tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

2. L-ISTAT MEMBRU TA' AMMINISTRAZZJONI GĦALL-OPERATORI TA' INĠENJI TAL-AJRU

Biex jiżgura l-implimentazzjoni tajba tal-Iskema tal-EU ETS għall-avjazzjoni, l-Artikolu 18a tad-Direttiva 2003/87/KE jistabbilixxi l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma jibqax jaġixxi bħala Stat Membru amministrattiv. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jaġġornaw il-lista ta' attribuzzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009⁸ fil-kuntest tal-aġġornament annwali⁹, biex jinfurmaw lil operaturi ta' inġenji tal-ajru tal-Istat Membru ta' amministrazzjoni¹⁰.

3. RAPPORTI TA' VERIFIKA U AKKREDITAZZJONI TAL-VERIFIKATURI

Skont l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-operaturi ta' installazzjoni jew ta' inġenju tal-ajru għandhom jimmonitorjaw l-emissjonijiet ta' CO₂ u jirrapportaw l-emissjonijiet ivverifikati kull sena lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-installazzjoni rispettiva jew li taġixxi bħala Stat Membru ta' amministrazzjoni. Skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE, dawn ir-rapporti għandhom jiġu vverifikati.¹¹

Skont il-Kapitolu IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 dwar il-verifika tad-data u dwar l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE¹² u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jistabbilixxi r-

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 dwar il-lista ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li wettqu attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara, li tispjefika l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru, ĠU L 219, 22.8.2009, p. 1. Fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, l-iktar lista riċenti hija stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/535 tat-8 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009 dwar il-lista ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru li wettqu attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara, li tispjefika l-Istat Membru ta' amministrazzjoni għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru, ĠU L 124, 21.4.2020, p. 1.

⁹ L-Artikolu 18a(3)(b) tad-Direttiva 2003/87/KE.

¹⁰ Din l-attribuzzjoni hija rilevanti wkoll fil-kuntest tas-sigurtà tal-avjazzjoni, peress li tistabbilixxi l-“awtorità xierqa” biex tinnomina t-trasportaturi tal-ajru li joperaw il-ġarr tal-merkanzija u tal-posta lejn l-Unjoni minn ajruport ta' pajjiż terz. Ara t-Taqsima 6.8.1.1.b. tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jstipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1) u l-“Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni u s-sigurtà marittima” (REV2, 28 ta' April 2020), ippublikat hawn: https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt.

¹¹ Rigward l-obbligi ta' rapportar li jkopru l-aħħar sena tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ara l-Parti B ta' dan l-avviż.

¹² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94.

rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti¹³, verifikatur li joħroġ rapport ta' verifika għandu jkun stabbilit fl-UE u akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditament ta' Stat Membru tal-UE li fih ikun stabbilit.¹⁴

Is-servizz ta' Akkreditament tar-Renju Unit ma jibqax korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont it-tifsira u għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għaldaqstant, iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni tiegħu mhux se jibqgħu validi jew rikonoxxuti fl-UE skont dak ir-Regolament wara tmiem il-perjodu ta' tranzizzjoni¹⁵.

B'konsegwenza, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, verifikaturi akkreditati mis-Servizz ta' Akkreditazzjoni Nazzjonali tar-Renju Unit ma jkunux jistgħu joħorġu iktar rapporti ta' verifika skont id-Direttiva 2003/87/KE¹⁶.

4. KONTIJET MIŻMUMA FIR-REĠISTRU TAL-UNJONI

Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE, kwoti ta' emissjonijiet maħruġa taħt fl-ETS tal-UE jinżammu f'Reġistru tal-Unjoni. Ir-Reġistru tal-Unjoni iżomm kont tas-sjeda tal-kwoti miżmuma f'kontijiet elettroniċi għal stallazzjonijiet stazzjonarji u għal operaturi ta' inġenji tal-ajru. Ir-Reġistru tal-Unjoni jservi wkoll bħala r-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto għall-UE u l-Istati Membri¹⁷.

Kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni huma amministrati minn Stat Membru tal-UE.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, soġġett għall-eċċezzjoni fit-Taqsima B hawn taħt:

- ir-Renju Unit ma jistax jamministra kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni u r-Reġistru tal-Unjoni ma jservix iktar bħala r-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto għar-Renju Unit.
- kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni amministrati mir-Renju Unit u kontijiet fir-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tar-Renju Unit ma jkunux jistgħu jiġu aċċessati iktar wara d-data tal-ħruġ.

¹³ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

¹⁴ Eċċezzjonijiet minn din ir-regola huma elenkati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

¹⁵ Ara wkoll it-Taqsima A.3 tal- "Avviż lill-partijiet interessati – il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti industrijali" (REV2, 13 ta' Marzu 2020), ippubblikata hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt.

¹⁶ Ara, madankollu, il-Parti B ta' dan l-avviż.

¹⁷ L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13.

5. AĊĊESS GĦAL IRKANTI U SORVELJANZA TAS-SUQ

Fir-rigward tal-aċċess għall-irkantijiet tal-UE, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010, huma biss il-persuni stabbiliti fl-UE, l-operaturi u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-ammissjoni biex jagħmlu offerta fl-irkantijiet tal-UE.

Minħabba l-klassifikazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet bħala strumenti finanzjarji fid-Direttiva 2014/65/UE¹⁸, għadd ta' regoli tas-suq finanzjarju japplikaw ukoll għas-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet. Il-parteċipanti tas-suq, b'mod partikolari d-ditti ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, għandhom jieħdu nota tal-qafas ġenerali għall-istrumenti finanzjarji¹⁹.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 96(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li l-Artikolu 12 (2a) u (3) u l-Artikoli 14, 15 u 16 tad-Direttiva 2003/87/KE jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-gassijiet serra li joħorġu matul l-aħħar sena tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Skont l-Artikolu 96(6)(a) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, sa fejn ikun meħtieġ għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn, *inter alia*, l-Artikolu 96(2) u (5), ir-Renju Unit u l-operaturi fir-Renju Unit se jkomplu jkollhom aċċess għar-Reġistru tal-Unjoni u għar-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tar-Renju Unit²⁰ stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

Għalhekk, għall-fini uniku li tiġi żgurata l-konformità ma' dawn l-obbligi li jkomplu japplikaw fir-rigward tal-emissjonijiet (fl-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE) li jseħħu matul l-2020:

- l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-operaturi ta' installazzjoni stabbiliti fir-Renju Unit jitqiesu bħala operaturi tal-inġenji tal-ajru u operaturi ta' installazzjoni stabbiliti fl-UE;
- il-kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni, meħtieġa biex jitlestew dawn l-obbligi, se jkomplu jiġu amministrati mir-Renju Unit;
- japplikaw l-iskadenzi rilevanti.

¹⁸ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496.

¹⁹ Għal dan l-aspett, qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn jew ġew ippubblikati.

²⁰ Aċċess kontinwu għar-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tar-Renju Unit huwa żgurat biss f'każ li l-Emenda ta' Doha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2020. Għall-emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto, ara fuq: <https://unfccc.int/process/the-kyoto-protocol/the-doha-amendment>.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.²¹ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.²²

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru tal-UE.²³

Il-Protokoll IE/NI jipprevedi li d-Direttiva 2003/87/KE tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq sa fejn tapplika għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku, il-kummerċ fl-elettriku bl-ingrossa jew l-iskambji transkonfinali fl-elettriku²⁴.

Dan ifisser li referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem li jinkludu kwalunkwe installazzjoni stazzjonarja li tinsab fl-Irlanda ta' Fuq li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u tiġġenera l-elettriku, filwaqt li referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji fl-Irlanda ta' Fuq involuti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku jridu jikkonformaw mal-obbligi rilevanti rigward l-emissjoni ta' gassijiet serra tad-Direttiva 2003/87/KE, inklużi l-obbligi ta' konsenja stabbiliti fl-Artikolu 12(3) u l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 ta' dik id-Direttiva. M'hemm l-ebda allokkazzjoni bla hla, kif inhu l-każ ġenerali skont l-EU ETS għall-ġenerazzjoni tal-elettriku²⁵;
- Installazzjonijiet stazzjonarji fit-Tramuntana tal-Irlanda li jiġġeneraw l-elettriku se jkomplu jkollhom aċċess għall-kontijiet tagħhom fir-Reġistru tal-Unjoni taħt l-istess kundizzjonijiet bħal qabel u bħala operaturi b'installazzjonijiet stazzjonarji fl-Istati Membri tal-UE (inkluża l-possibiltà li jiskambjaw krediti internazzjonali sad-data ta' skadenza għall-konformità għall-emissjonijiet tal-2020);
- Ir-Renju Unit jista' jwettaq irkant fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq biss f'suq regolat tal-UE f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010.

²¹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²² L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

²³ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

²⁴ L-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u l-Anness 4 ta' dak il-Protokoll.

²⁵ L-Artikolu 10a (3) tad-Direttiva 2003/87/KEE.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li:

- tipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni²⁶;
- Jinvokaw il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonoxximent reċiproku għal ċertifikati maħruġa minn korpi stabbiliti fir-Renju Unit²⁷.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Verifikaturi akkreditati minn korp ta' akkreditazzjoni fir-Renju Unit ma jistgħux ifasslu rapporti ta' verifika għas-sottomissjoni skont l-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE. Verifikaturi stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq, akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fi Stat Membru tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/2067 u tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jistgħu jfasslu rapporti ta' verifika fir-rigward ta' installazzjonijiet stazzjonarji fl-Irlanda ta' Fuq għal sottomissjoni skont l-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE. Verifikaturi stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq, akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni fi Stat Membru tal-UE, ma jistgħux ifasslu rapporti ta' verifika fir-rigward ta' installazzjonijiet stazzjonarji u operaturi ta' inġenji tal-ajru fl-UE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar l-ETS tal-UE (https://ec.europa.eu/clima/policies/ets_en) jipprovdi informazzjoni ġenerali f'dan ir-rigward. Dawn il-paġni se jkunu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat-Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika

²⁶ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²⁷ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.